TRIBUNAL DE JUSTICIA DE LAS COMUNIDADES EUROPEAS
SOUDNÍ DVŮR EVROPSKÝCH SPOLEČENSTVÍ
DE EUROPÆISKE FÆLLESSKABERS DOMSTOL
GERICHTSHOF DER EUROPÄISCHEN GEMEINSCHAFTEN
EUROOPA ÜHENDUSTE KOHUS
ΔΙΚΑΣΤΗΡΙΟ ΤΩΝ ΕΥΡΩΠΑΪΚΩΝ ΚΟΙΝΟΤΗΤΩΝ
COURT OF JUSTICE OF THE EUROPEAN COMMUNITIES
COUR DE JUSTICE DES COMMUNAUTÉS EUROPÉENNES
CÚIRT BHREITHIÚNAIS NA gCÓMHPHOBAL EORPACH
CORTE DI GIUSTIZIA DELLE COMUNITÀ EUROPEE
EIROPAS KOPIENU TIESA

CVRIA
LUXEMBOURG

EUROPOS BENDRIJŲ TEISINGUMO TEISMAS
EURÓPAI KÖZÖSSÉGEK BÍRÓSÁGA
IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ
HOF VAN JUSTITIE VAN DE EUROPESE GEMEENSCHAPPEN
TRYBUNAŁ SPRAWIEDLIWOŚCI WSPÓLNOT EUROPEJSKICH
TRIBUNAL DE JUSTIÇA DAS COMUNIDADES EUROPEIAS
SÚDNY DVOR EURÓPSKYCH SPOLOČENSTIEV
SODIŠČE EVROPSKIH SKUPNOSTI
EUROOPAN YHTEISÖJEN TUOMIOISTUIN
EUROPEISKA GEMENSKAPERNAS DOMSTOL

# SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

19 ta' Novembru 1991 *

"Nuqqas ta' implementazzjoni ta' direttiva - Responsabbiltà ta' Stat Membru"

Fil-Kawżi magħquda C-6/90 u C-9/90,

li għandhom bħala suġġett żewġ talbiet imressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, skond l-Artikolu 177 tat-Trattat KEE, mill-Pretura di Viċenza (l-Italja) (Kawża C-6/90) u mill-Pretura di Bassano del Grappa (l-Italja) (Kawża C-9/90), u intiżi sabiex tinkiseb, fil-kawżi pendenti quddiem dawn il-qrati bejn

**Andrea Francovich**

u

**Ir-Repubblika Taljana,**

u

**Danila Bonifaci** ***et***

u

**Ir-Repubblika Taljana**

deċiżjoni preliminari dwar l-interpretazzjoni tat-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 189 tat-Trattat KEE kif ukoll tad-Direttiva tal-Kunsill 80/987/KEE, tal-20 ta' Ottubru 1980, dwar it-taqrib tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar il-protezzjoni ta' l-impjegati f'każ ta' l-insolvenza ta' min iħaddimhom (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 217),

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA,

komposta minn O. Due, President, Sir Gordon Slynn, R. Joliet, F. A. Schockweiler, F. Grévisse u P. J. G. Kapteyn, Presidenti ta' Awla,

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

MT

G. F. Mancini, J. C. Moitinho de Almeida, G. C. Rodríguez Iglesias, M. Díez de Velasco u M. Zuleeg, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Mischo

Reġistratur: D. Louterman, Amministratur Prinċipali

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet bil-miktub ippreżentati:

– għal Andrea Francovich u Danila Bonifaci *et*, minn Claudio Mondin, Aldo Campesan, Alberto dal Ferro, membri ta' l-avukatura ta' Vicenza,

– għall-Gvern Taljan, minn Oscar Fiumara, avvocato dello Stato, bħala aġent,

– għall-Gvern Olandiż, minn B. R. Bot, Segretarju Ġenerali fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin, bħala aġent,

– għall-Gvern tar-Renju Unit, minn J. E. Collins, tat-Treasury Solicitor's Department, bħala aġent, assistit minn Richard Plender, QC,

– għall-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, minn Giuliano Marenco u Karen Banks, membri tas-Servizz Legali tagħha, bħala aġenti,

wara li rat ir-rapport għas-seduta,

wara li semgħet is-sottomissjonijiet orali ta' Andrea Francovich u Daniela Bonifaci, tal-Gvern Taljan, tal-Gvern tar-Renju Unit, tal-Gvern Ġermaniż, irrappreżentat minn Jochim Sedemund, membru ta' l-avukatura ta' Köln, bħala aġent, u tal-Kummissjoni, fis-seduta tas-27 ta' Frar 1991,

wara li semgħet il-konklużjonijiet ta' l-Avukat Generali, ippreżentati fis-seduta tat-28 ta' Mejju 1991,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 B'digrieti tad-9 ta' Lulju u tat-30 ta' Diċembru 1989, li waslu fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-8 u l-15 ta' Jannar 1990 rispettivament, il-Pretura di Vicenza (Kawża C-6/90) u l-Pretura di Bassano del Grappa (Kawża C-9/90) għamlu, bis-saħħa ta' l-Artikolu 177 tat-Trattat KEE, domandi preliminari dwar l-interpretazzjoni tat-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 189 tat-Trattat KEE, kif ukoll tad-Direttiva tal-Kunsill 80/987/KEE, ta' l-20 ta' Ottubru 1980, dwar it-taqrib tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar il-protezzjoni ta' l-impjegati f'każ ta' l-insolvenza ta' min iħaddimhom (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 217).

2 Dawn id-domandi tqajmu fil-mori tal-kawżi mressqa minn Andrea Francovich u minn Danila Bonifaci *et* (iktar 'il quddiem ir-"rikorrenti") kontra r-Repubblika Taljana.

3 L-iskop tad-Direttiva 80/987 huwa li jiġi żgurat, lill-impjegati, minimu Komunitarju ta' protezzjoni fil-każ ta' insolvenza ta' min iħaddimhom, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li jkunu iktar favorevoli fl-Istati Membri. Għal din ir-raġuni, hija tipprovdi, b'mod partikolari, garanziji preċiżi għad-djun dovuti lilhom li ma jkunux imħallsa.

4 Skond l-Artikolu 11, l-Istati Membri kienu obbligati li jimplementaw dawk id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolamentari u amministrattivi neċessarji sabiex ikunu konformi mad-Direttiva f'terminu li skada fit-23 ta' Ottubru 1983. Peress li r-Repubblika Taljana ma wettqitx dan l-obbligu, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat dan in-nuqqas b'sentenza tat-2 ta' Frar 1989, Il-Kummissjoni vs L-Italja (22/87, Ġabra p. 143).

5 A. Francovich, parti fil-kawża prinċipali fil-Kawża C-6/90, kien ħadem għall-impriża "CDN Elettronica SnC" ġewwa Vicenza u bħala tali rċieva biss ħlasijiet sporadiċi fis-salarju tiegħu. Għal din ir-raġuni, huwa ppreżenta rikors quddiem il-Pretura di Vicenza, li kkundannat lill-impriża konvenuta għall-ħlas tas-somma ta' madwar LIT 6 miljuni. Matul il-fażi eżekuttiva, il-marixxall tat-tribunal ta' Viċenza kellu jikteb verbal ta' sekwestru negattiv. A. Francovich sussegwentement invoka d-dritt li jingħata mill-Istat Taljan il-garanziji previsti skond id-Direttiva 80/987 jew, sussidjarjament, kumpens.

6 Fil-Kawża C-9/90, D. Bonifaci u tlieta u tletin ħaddiema impjegati oħra ppreżentaw rikors quddiem il-Pretura di Bassano del Grappa, filwaqt li ddikjaraw li huma kienu ħadmu bħala impjegati għall-kumpanija "Gaia Confezioni Srl", li ġiet iddikkjarata falluta fil-5 ta' April 1985. Fil-mument tat-terminazzjoni tar-relazzjonijiet ta' xogħol, lir-rikorrenti kienet dovuta somma ta' iktar minn LIT 253 miljuni, liema somma ġiet magħduda bħala dejn tal-kumpannija falluta. Iktar minn ħames snin wara l-falliment, huma ma kienu għadhom rċevew l-ebda somma u l-kuratur tal-falliment għarrafhom li tqassim favurihom, anki jekk parzjali, kien assolutament improbabbli. Konsegwentement, ir-rikorrenti, fid-dawl ta' l-obbligu li r-Repubblika Taljana kellha li tapplika d-Direttiva 80/987 mit-23 ta' Ottubru 1983, fetħu kawża kontriha u talbu li din tiġi kkundannata tħallashom id-dejn lilhom dovut bħala arretrati ta' salarju, jew għall-inqas għall-aħħar tliet xhur, jew, fin-nuqqas, li tħallashom kumpens.

7 Kien f'dan il-kuntest li l-qrati nazzjonali ressqu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin, identiċi fiż-żewġ każijiet:

"1) Bis-saħħa tad-dritt Komunitarju fis-seħħ, l-individwu li ġie leż b'konsegwenza tan-nuqqas tat-twettiq tad-Direttiva 80/987 min-naħa ta' l-Istat – nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kkonfermat b'sentenza tal-Qorti tal-

Ġustizzja – għandu dritt jitlob lill-Istat iwettaq id-dispożizzjonijiet ta' dik id-direttiva, li huma preċiżi u inkundizzjonati biżżejjed, u dan billi jinvoka direttament il-liġi tal-Komunità kontra l-Istat Membru inadempjenti, sabiex jikseb il-garanziji li l-Istat suppost kellu jiżgura, u biex f'kull każ, jitlob kumpens għad-danni mġarrba għal dak li għandu x'jaqsam mad-dispożizzjonijiet li ma jgawdux minn din il-prerogativa?

2) Id-dispożizzjonijiet flimkien ta' l-Artikoli 3 u 4 tad-Direttiva tal-Kunsill 80/987 għandhom jiġu interpretati fis-sens li, fil-każ fejn l-Istat ma għamilx użu mill-possibbiltà li jdaħħal il-limiti previsti fl-Artikolu 4, dan l-Istat ikun obbligat li jħallas it-talbiet ta' l-impjegati kif ipprovdut fl-Artikolu 3?

3) Fil-każ ta' risposta negattiva għat-tieni domanda, il-Qorti tal-Ġustizzja hija mitluba jogħġobha tistabbilixxi l-minimu ggarantit li l-Istat għandu jiżgura, skond id-Direttiva 80/987, lill-impjegat li jkollu dritt, b'mod li s-salarju dovut lilu jista' jiġi kkunsidrat bħala eżekuzzjoni tad-Direttiva nnifisha."

8 Għal spjegazzjoni iktar iddettaljata tal-fatti tal-kawżi prinċipali, ta' l-iżvolġiment tal-proċeduri u ta' l-osservazzjonijiet bil-miktub ippreżentati lill-Qorti tal-Ġustizzja, għandu jsir riferiment għar-rapport għas-seduta. Dawn l-elementi tal-proċess ser jissemmew biss sa fejn huwa neċessarju għar-raġunament tal-qorti.

9 L-ewwel domanda mressqa mill-qorti nazzjonali tqajjem żewġ problemi, li jeħtieġ li jiġu eżaminati separatament. Hija tirrigwarda, minn naħa, l-effett dirett tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva li jiddefinixxu d-drittijiet ta' l-impjegati u, min-naħa l-oħra, l-eżistenza u l-portata tar-responsabbiltà ta' l-Istat għad-danni li jirriżultaw mill-ksur ta' l-obbligi tiegħu taħt id-dritt Komunitarju.

**Dwar l-effett dirett tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva li jistabbilixxu d-drittijiet ta' l-impjegati**

10 L-ewwel parti tal-ewwel domanda, magħmula mill-qorti nazzjonali, hija dwar jekk id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva li jistabbilixxu d-drittijiet ta' l-impjegati għandhomx jiġu interpretati fis-sens li dawk interessati jistgħu jinvokaw dawn id-drittijiet kontra l-Istat quddiem il-qrati nazzjonali fil-każ li ma jkunux ittieħdu l-miżuri ta' implementazzjoni fit-terminu stabbilit.

11 Skond ġurisprudenza stabbilita, l-Istat Membru li ma jkunx adotta l-miżuri ta' implementazzjoni imposti minn direttiva fit-terminu stipulat, ma jistax imbagħad jinvoka, kontra l-individwi, l-inadempjenza tiegħu stess ta' l-obbligi li jirriżultaw minn din id-direttiva. Għalhekk, f'kull każ fejn id-dispożizzjonijiet ta' direttiva jidhru, għal dak li jikkonċerna l-kontenut tagħhom, li huma inkundizzjonati u preċiżi biżżejjed, dawn id-dispożizzjonijiet jistgħu jiġu invokati, fin-nuqqas ta' miżuri ta' implementazzjoni adottati fit-terminu previst, kontra kull dispożizzjoni tal-liġi nazzjonali li ma tkunx konformi mad-direttiva, jew ukoll, jekk dawn id-

dispożizzjonijiet tad-direttiva jkunu tali li jiddefinixxu drittijiet li l-individwi jistgħu jinvokaw kontra l-Istat (sentenza tad-19 ta' Jannar 1982, Becker, punti 24 u 25, 8/81 Ġabra p. 53).

12 Jeħtieġ għalhekk, li jiġi eżaminat jekk id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 80/987, li jiddefinixxu d-drittijiet tal-ħaddiema, humiex inkundizzjonati u preċiżi biżżejjed. Dan l-istħarriġ għandu jdur fuq tliet aspetti, jiġifieri l-identifikazzjoni tal-persuni li jistgħu jibbenefikaw mill-garanzija stabbilita mid-dispożizzjonijiet, il-kontenut ta' dik il-garanzija, u, fl-aħħar, l-identità tal-persuna li għandha tagħti l-garanzija. F'dan ir-rigward, tqum il-kwistjoni dwar jekk l-Istat jistax jitqies li huwa responsabbli għal din il-garanzija u dan minħabba li ma jkunx adotta l-miżuri neċessarji għat-traspożizzjoni fit-terminu previst.

13 L-ewwel nett, għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-identifikazzjoni tal-benefiċjarji tal-garanzija, għandu jiġi rrilevat li, skond l-Artikolu 1(1) tagħha, id-Direttiva hija applikabbli għad-drittijiet ta' l-impjegati li jirriżultaw mill-kuntratti ta' xogħol jew mir-relazzjonijiet ta' xogħol fir-rigward tal-persuni li jħaddmu li jinsabu fi stat ta' insolvenza skond l-Artikolu 2(1) tagħha, liema dispożizzjoni tiċċara l-ipoteżijiet li tista' tinsab fihom persuna li tħaddem sabiex tiġi kkunsidrata fi stat ta' insolvenza. L-Artikolu 2(2) jirreferi għal-liġi nazzjonali biex jiġu ddefiniti l-kunċetti ta' "impjegat" u ta' "min iħaddem". Fl-aħħar nett, l-Artikolu 1(2) jipprevedi li l-Istati Membri, jistgħu, f'każ eċċezzjonali u taħt ċerti kundizzjonijiet biss, jeskludu mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva ċerti kategoriji ta' ħaddiema elenkati fl-anness tad-Direttiva.

14 Dawn id-dispożizzjonijiet huma inkundizzjonati u preċiżi biżżejjed tant li jippermettu lill-qorti nazzjonali tistabbilixxi jekk persuna tistax jew le titqies li hija benefiċjarja tad-Direttiva. Infatti, kull ma għandha tagħmel il-qorti nazzjonali huwa li, minn naħa, tivverifika jekk il-persuna interessata hijiex impjegata skond il-liġi nazzjonali u jekk hijiex eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, skond l-Artikolu 1(2) u l-Anness 1 tagħha (fir-rigward tal-kundizzjonijiet mitluba għal din l-esklużjoni ara s-sentenzi tat-2 ta' Frar 1989, Il-Kummissjoni vs L-Italja, 22/87, iċċitata iktar 'il fuq, punti 18 sa 23, u tat-8 ta' Novembru 1990, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, C-35/88 punti 11 sa 26, Ġabra p. I-3917, I-5409, I-3931) u, min-naħa l-oħra, tivverifika jekk teżistix waħda mill-ipoteżijiet ta' insolvenza previsti mill-Artikolu 2 tad-Direttiva.

15 Fir-rigward tal-kontenut tal-garanzija, l-Artikolu 3 tad-Direttiva jipprovdi li għandu jiġi żgurat il-pagament tad-djun dovuti li jirriżultaw mill-kuntratti ta' xogħol jew mir-relazzjonijiet ta' xogħol u li għandhom x'jaqsmu mar-remunerazzjoni li tkopri l-perijodu li jiġi qabel dik id-data stabbilita mill-Istat Membru, li, f'dan ir-rigward, jista' jagħżel bejn tliet possibbiltajiet, jiġifieri a) id-data ta' meta seħħet l-insolvenza ta' min iħaddem; b) dik ta' meta ġie nnotifikat l-impjegat bit-tkeċċija tiegħu, minħabba l-insolvenza ta' min iħaddem; ċ) id-data ta' meta seħħet l-insolvenza ta' min iħaddem jew id-data ta' meta spiċċa l-kuntratt ta'

xogħol jew ta' meta ġiet itterminata r-relazzjoni ta' xogħol ta' l-impjegat in kwistjoni, minħabba l-insolvenza tal-prinċipal.

16 Skond l-għażla li jagħmel, l-Istat Membru għandu l-possibbiltà, bis-saħħa ta' l-Artikolu 4(1) u (2), li jillimita l-obbligu ta' ħlas għall-perijodi ta' żmien ta' tliet xhur jew ta' tmien ġimgħat, skond il-każ, ikkalkolati skond regoli preċiżi f'dan l-artikolu. Fl-aħħar nett, il-paragrafu 3 ta' l-istess artikolu jipprovdi li l-Istati Membri jistgħu jiffissaw limitu fuq il-garanzija tal-ħlas sabiex jiġi evitat li jitħallsu somom ta' flus li jmorru lil hinn mill-finijiet soċjali tad-Direttiva. Meta jagħmlu użu minn din il-possibbiltà, l-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni dwar liema metodi ntużaw biex iffissaw dan il-limitu. Barra minn dan, l-Artikolu 10 jippreċiża li d-Direttiva ma taffettwax il-possibbiltà ta' l-Istati Membri li jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiġi evitat l-abbuż u speċjalment li jirrifjutaw jew inaqqsu l-obbligu ta' ħlas f'ċerti każijiet.

17 L-Artikolu 3 tad-Direttiva jħalli, b'hekk, l-għażla lill-Istat Membru biex jiffissa d-data minn meta l-garanzija tal-pagament tad-djun trid tiġi żgurata. Madankollu, kif jirriżulta impliċitament mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (sentenza ta' l-4 ta' Diċembru 1986, FNV, 71/85, Ġabra p. 3855; sentenza tat-23 ta' Marzu 1987, McDermott u Cotter, 286/85, punt 15, Ġabra p. 1453), il-possibbiltà ta' l-Istat li jagħżel fost numru ta' possibbiltajiet sabiex jilħaq ir-riżultat previst minn direttiva, ma jeskludix il-possibbiltà, għall-individwi, li jinforzaw quddiem il-qrati nazzjonali d-drittijiet li l-kontenut tagħhom jista' jiġi stabbilit b'mod preċiż biżżejjed sempliċement abbażi tad-dispożizzjonijiet tad-direttiva.

18 F'dan il-każ, ir-riżultat li d-direttiva in kwistjoni tippreskrivi huwa l-garanzija li d-djun dovuti lill-impjegati jitħallsu fil-każ ta' insolvenza ta' min iħaddimhom. Il-fatt li l-Artikoli 3 u 4(1) u (2) jattribwixxu lill-Istati Membri marġni ta' diskrezzjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-metodi ta' kif ser tiġi stabbilita din il-garanzija u l-limitu tal-ammont tagħha ma jaffettwax in-natura preċiża u inkundizzjonata tar-riżultat previst.

19 Fil-fatt, kif irrilevaw il-Kummisjoni u r-rikorrenti, huwa possibbli li tiġi ddeterminata l-garanzija minima prevista mid-Direttiva b'riferiment għad-data li għandha tintgħażel biex tinvolvi l-inqas spejjeż għall-istituzzjoni garanti. Din id-data hija l-istess data ta' meta tkun seħħet l-insolvenza ta' min iħaddem, peress li ż-żewġ dati l-oħra, jiġifieri dik tan-notifika tat-tkeċċija ta' l-impjegat u dik ta' meta jiskadi l-kuntratt ta' xogħol jew meta spiċċat ir-relazzjoni ta' xogħol, jaħbtu, skond ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 3, neċessarjament wara li tkun seħħet l-insolvenza u għalhekk jiddelimitaw perijodu itwal, waqt liema perijodu l-ħlas tad-djun għandu jiġi żgurat.

20 Fir-rigward tal-possibbiltà, prevista fl-Artikolu 4(2), li tiġi llimitata l-garanzija, għandu jiġi rrilevat li din ma teskludix il-possibbiltà li jiġi ffissat l-ammont tal-minimu ggarantit. Fil-fatt, kif jirriżulta mit-termini ta' dan l-artikolu, l-Istati Membri għandhom il-possibbiltà li jillimitaw il-garanziji li jingħataw lill-

impjegati għal ċerti perijodi preċedenti għad-data indikata fl-Artikolu 3. Dawn il-perijodi huma stabbiliti skond it-tliet dati previsti mill-Artikolu 3, b'mod li huwa possibbli, f'kull każ, li jiġi stabbilit sa fejn l-Istat Membru seta' jnaqqas il-garanzija prevista mid-Direttiva skond id-data li kien jagħżel li kieku kien diġà implementa d-Direttiva.

21 Fil-każ ta' l-Artikolu 4(3), li skond it-termini tiegħu l-Istati Membri jistgħu jiffissaw limitu għall-garanzija tal-ħlas sabiex jiġi evitat li jitħallsu ammonti ta' flus li jmorru lil hinn mill-finijiet soċjali tad-Direttiva, u, fil-każ ta' l-Artikolu 10, li jippreċiża li d-Direttiva ma taffettwax il-possibbiltà ta' l-Istati Membri li jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiġi evitat l-abbuż, għandu jiġi rrilevat li jekk Stat Membru jkun naqas milli jwettaq l-obbligu tiegħu li jimplementa d-Direttiva, huwa ma jistax jinnewtralizza d-drittijiet li tagħti din id-direttiva lill-individwi billi joqgħod fuq il-possibbiltà li jillimita l-ammont tal-garanzija, liema possibbiltà jkun jista' jeżerċita li kieku jkun ħa l-miżuri neċessarji biex jimplementa d-Direttiva (dwar possibbiltà simili in konnessjoni mal-prevenzjoni ta' l-abbuż fil-qasam fiskali ara s-sentenza tad-19 ta' Jannar 1982, Becker, punt 34, 8/81, Ġabra p. 53).

22 Għandu għalhekk jiġi kkonstatat li d-dispożizzjonijiet in kwistjoni huma inkundizzjonati u preċiżi biżżejjed fir-rigward tal-kontenut tal-garanzija.

23 Għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-identità tal-persuna responsabbli għall-garanzija, l-Artikolu 5 tad-Direttiva jipprovdi dan li ġej:

"L-Istati Membri għandhom ifasslu regoli dettaljati għall-organizzazzjoni, iffinanzjar u tħaddim ta' l-istituzzjonijiet ta' garanzija, li jissodisfaw b'mod speċjali l-prinċipji li ġejjin:

(a) l-assi ta' l-istituzzjonijiet għandhom ikunu indipendenti mill-kapital li qed jitħaddem mill-persuna li tħaddem u ma jkunx aċċessibbli għall-proċeduri ta' l-insolvenza;

(b) min iħaddem għandu jikkontribwixxi għall-iffinanzjar, sakemm dan ma jkunx kopert għal kollox mill-awtoritajiet pubbliċi.

(ċ) ir-responsabilitajiet ta' l-istituzzjonijiet m'għandhomx jiddipendu fuq jekk l-obbligi ta' kontribuzzjonijiet għall-iffinanzjar ġewx sodisfatti jew le."

24 Ġie sostnut fil-fatt, li peress li d-Direttiva tipprovdi l-possibbiltà li l-istituzzjonijiet garanti jistgħu jiġu ffinanzjati totalment mill-awtoritajiet pubbliċi, ikun inammissibli li Stat Membru jista' jinnewtralizza l-effetti tad-Direttiva billi jallega li seta' tefa' parti jew l-oneru finanzjarju kollu tiegħu fuq persuni oħra.

25 Dan l-argument ma huwiex ammissibbli. Mit-termini tad-Direttiva jirriżulta li l-Istat Membru huwa obbligat jorganizza sistema istituzzjonali sħiħa xierqa għall-garanzija ta' ħlas. Bis-saħħa ta' l-Artikolu 5, l-Istat Membru jgawdi minn marġni

kbira ta' diskrezzjoni fejn l-organizzazzjoni, it-tħaddim u l-finanzjament ta' l-istituzzjonijiet garanti huma kkonċernati. Għandu jiġi enfasizzat li l-fatt, invokat mill-Kummissjoni, li d-Direttiva tipprevedi, fost il-possibbiltajiet l-oħra, li s-sistema tkun iffinanzjata kollha mill-awtoritajiet pubbliċi, ma jfissirx li l-Istat ikun identifikat bħala l-persuna responsabbli għall-ħlas tad-djun. L-obbligu ta' ħlas hija ta' l-istituzzjonijiet garanti, u huwa biss meta qed jeżerċita s-setgħat tiegħu li jorganizza s-sistema ta' garanzija li l-Istat jista' jipprevedi li l-istitituzzjonijiet garanti jiġu ffinanzjati mill-awtoritajiet pubbliċi. Taħt din l-ipoteżi, l-Istat jassumi obbligu li, bħala prinċipju, ma huwiex tiegħu.

26 Minn dan jirriżulta li, anki jekk id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva in kwistjoni huma inkundizzjonati u preċiżi biżżejjed għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-identifikazzjoni tal-benefiċjarji tal-garanzija u l-kontenut ta' din il-garanzija, dawn l-elementi ma humiex suffiċjenti biex l-individwi jkunu jistgħu jinvokawhom quddiem il-qrati nazzjonali. Fil-fatt, minn naħa, dawn id-dispożizzjonijiet ma jidentifikawx il-persuna responsabbli għall-garanzija u, min-naħa l-oħra, l-Istat ma jistax jitqies li huwa responsabbli għas-sempliċi raġuni li huwa naqas milli jieħu l-miżuri neċessarji għat-traspożizzjoni fit-terminu previst.

27 Jeħtieġ għalhekk li b'risposta għall-ewwel parti ta' l-ewwel domanda jintqal li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 80/987, li jistabbilixxu d-drittijiet ta' l-impjegati, għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-persuni interessati ma jistgħux jinvokaw dawn id-drittijiet kontra l-Istat quddiem il-qrati nazzjonali fin-nuqqas ta' miżuri ta' implementazzjoni adottati fit-terminu previst.

**Dwar ir-responsabbiltà ta' l-Istat għad-danni li rriżultaw mill-ksur ta' l-obbligi tiegħu li joħorġu mid-dritt Komunitarju.**

28 It-tieni parti ta' l-ewwel domanda mressqa mill-qorti nazzjonali hija dwar jekk Stat Membru huwiex obbligat li jagħti kumpens għad-danni li jirriżultaw għall-individwi minħabba n-nuqqas ta' traspożizzjoni tad-Direttiva 80/987.

29 Il-qorti nazzjonali tqajjem il-problema ta' l-eżistenza u l-portata tar-responsabbiltà ta' l-Istat għad-danni li jirriżultaw minħabba l-ksur ta' l-obbligi tiegħu li joħorġu mid-dritt Komunitarju.

30 Din il-problema għandha tiġi eżaminata fid-dawl ta' l-istruttura ġenerali tat-Trattat u tal-prinċipji fundamentali tiegħu.

*a) Fuq il-prinċipju ta' responsabbiltà ta' l-Istat*

31 Għandu jitfakkar hawnhekk, l-ewwel nett, li t-Trattat KEE ħoloq ordinament ġuridiku tiegħu, integrat mas-sistema ġuridika ta' l-Istati Membri mad-dħul fis-seħħ tat-Trattat u li l-qrati tagħhom huma marbuta li japplikaw, u li s-suġġetti ta' dan l-ordinament jinkludu mhux biss l-Istati Membri iżda wkoll iċ-ċittadini tagħhom u li, mhux biss jimponi obbligi fuq l-individwi, iżda huwa wkoll intiż li

jagħtihom drittijiet li jkunu jifformaw parti mill-patrimonju ġuridiku tagħhom; dawn id-drittijiet jinħolqu mhux biss meta jkunu espressament mogħtija mit-Trattat, iżda wkoll meta t-Trattat jimponi ċerti obbligi, b'mod ċar, kemm fuq l-individwi kif ukoll fuq l-Istati Membri u fuq l-istituzzjonijiet Komunitarji (ara s-sentenzi tal-5 ta' Frar 1963, Van Gend en Loos, 26/62, Ġabra p. 3, u dik tal-15 ta' Lulju 1964, Costa, 6/64, Ġabra p. 1141).

32 Għandu wkoll jitfakkar li, kif jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita, huma l-qrati nazzjonali li għandhom japplikaw, dejjem fil-kuntest tal-kompetenzi tagħhom, id-dispożizzjonijiet tad-dritt Komunitarju, u li jiżguraw l-effett sħiħ ta' dawn in-normi u li jipproteġu d-drittijiet li dawn jagħtu lill-individwi (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tad-9 ta' Marzu 1978, Simmenthal, punt 16, 106/77, Ġabra p. 629, u tad-19 ta' Ġunju 1990, Factortame, punt 19, C-213/89, Ġabra p. I-2433).

33 Għandu jiġi kkonstatat li l-effettività sħiħa tan-normi Komunitarji kif ukoll il-protezzjoni tad-drittijiet li huma jirrikonoxxu jiddgħajfu jekk l-individwi ma jkollhomx il-possibbiltà li jiksbu kumpens meta d-drittijiet tagħhom jiġu leżi minħabba ksur tad-dritt Komunitarju imputabbli lil Stat Membru.

34 Il-possibbiltà li wieħed jikseb kumpens mill-Istat Membru hija partikolarment indispensabbli meta, bħal f'dan il-każ, l-effett sħih tan-normi Komunitarji huwa subordinat għal kundizzjoni li jkun hemm azzjoni min-naħa ta' l-Istat, u li, konsegwentement, l-individwi ma jistgħux, fin-nuqqas ta' din l-azzjoni, jinvokaw id-drittijiet mogħtija lilhom mid-dritt Komunitarju quddiem il-qrati nazzjonali.

35 Minn dan jirriżulta li l-prinċipju ta' responsabbiltà ta' l-Istat għad-danni kkawżati lill-individwi minħabba ksur tad-dritt Komunitarju li huma imputabbli lilu, huwa inerenti għas-sistema tat-Trattat.

36 L-obbligu ta' l-Istati Membri għal kumpens tad-danni jsib il-bażi tiegħu wkoll fl-Artikolu 5 tat-Trattat, li jgħid li l-Istati Membri huma marbuta jieħdu l-miżuri kollha ġenerali jew partikolari adatti biex jiżguraw l-eżekuzzjoni ta' l-obbligi tagħhom li joħorġu mid-dritt Komunitarju. Fost dawn l-obbligi hemm dak li jitneħħew il-konsegwenzi illeċiti ta' ksur tad-dritt Komunitarju (ara, fir-rigward ta' dispożizzjoni analoga ta' l-Artikolu 86 tat-Trattat KEFA, is-sentenza tas-16 ta' Diċembru 1960, Humblet, 6/60, Ġabra p. 1125).

37 Minn dak kollu li ntqal jirriżulta li d-dritt Komunitarju jimponi l-prinċipju li l-Istati Membri huma obbligati jagħmlu tajjeb għad-danni kkawżati lill-individwi minħabba ksur tad-dritt Komnunitarju li huwa imputabbli lilhom.

*b) Dwar il-kundizzjonijiet tar-responsabbiltà ta' l-Istat*

38 Għalkemm ir-responsabbiltà ta' l-Istat hija imposta mid-dritt Komunitarju, il-kundizzjonijiet li fihom din tagħti dritt għal kumpens jiddependu min-natura tal-ksur tad-dritt Komunitarju li jkun il-kawża tad-danni mġarrba.

39 Meta, kif inhu f'dan il-każ, Stat Membru jkun naqas milli jwettaq l-obbligu tiegħu, taħt it-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 189 tat-Trattat, li jieħu l-miżuri kollha neċessarji biex jilħaq ir-riżultat previst minn direttiva, l-effikaċja totali ta' din in-norma tad-dritt Komunitarju teżiġi dritt għal kumpens fil-każ li tliet kundizzjonijiet jiġu ssodisfatti.

40 L-ewwel minn dawn il-kundizzjonijiet hija li r-riżultat previst mid-direttiva jimplika l-għoti ta' drittijiet favur l-individwi. It-tieni kundizzjoni hija li l-kontenut ta' dawn id-drittijiet jista' jiġi identifikat abbażi tad-dispożizzjonijiet tad-direttiva. Fl-aħħar nett, it-tielet kundizzjoni tikkonsisti fl-eżistenza ta' rabta kawżali bejn il-ksur ta' l-obbligu li jaqa' fuq l-Istat u d-dannu mġarrab mill-partijiet leżi.

41 Dawn il-kundizzjonijiet huma suffiċjenti biex jagħtu dritt lill-individwi li jiksbu kumpens, liema dritt għandu l-bażi tiegħu direttament fid-dritt Komunitarju.

42 Bla ħsara għal din ir-riżerva, l-Istat għandu joffri rimedju għall-konsegwenzi tad-danni kkawżati abbażi tad-dritt nazzjonali. Fil-fatt, fl-assenza ta' leġiżlazzjoni Komunitarja, huwa l-ordinament ġuridiku intern ta' kull Stat Membru li għandu jidentifika l-qorti kompetenti u li jistabbilixxi l-modalitajiet proċedurali għar-rimedju ġudizzjarju intiżi li jiżguraw il-protezzjoni sħiha tad-drittijiet li l-individwi jgawdu mid-dritt Komunitarju (ara s-sentenzi li ġejjin: tat-22 ta' Jannar 1976, Russo, 60/75, Ġabra p. 45; tas-16 ta' Frar 1976, Rewe, 33/76, Ġabra p. 1989; tas-7 ta' Lulju 1981, Rewe, 158/80, Ġabra p. 1805).

43 Jeħtieġ li jiġi rrilevat, barra minn dan, li r-rekwiżiti, kemm formali kif ukoll sostanzjali f'materja ta' kumpens għad-danni stabbiliti mid-diversi leġiżlazzjonijiet nazzjonali ma jistgħux ikunu inqas favorevoli minn dawk li jikkonċernaw talbiet analogi nazzjonali u lanqas jistgħu jkunu magħmula b'tali mod li jkun prattikament impossibli jew eċċessivament diffiċli li wieħed jikseb rimedju (ara, għal dak li għandu x'jaqsam ma' materja analoga li tirrigwarda rimbors ta' taxxi miġbura bi ksur tad-dritt Komunitarju, b'mod partikolari s-sentenza tad-9 ta' Novembru 1983, San Giorgio, 199/82, Ġabra p. 3595).

44 F'dan il-każ, il-ksur tad-dritt Komunitarju min-naħa ta' Stat Membru, minħabba li jkun naqas milli jwettaq it-traspożizzjoni tad-Direttiva 80/987 fit-terminu previst, ġie aċċertat b'sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Ir-riżultat previst minn din id-direttiva jikkonsisti fl-għoti ta' dritt lill-impjegati għall-garanzija ta' ħlas ta' salarji dovuti. Kif jirriżulta mill-eżami ta' l-ewwel parti ta' l-ewwel domanda, il-kontenut ta' dan id-dritt jista' jiġi ddefinit abbażi tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva.

45 Konsegwentement, hija l-qorti nazzjonali li għandha tiżgura, konformement mal-liġi nazzjonali fuq ir-responsabbiltà, id-dritt ta' l-impjegati li jiksbu kumpens tad-danni li ġew kkawżati lilhom minħabba n-nuqqas ta' traspożizzjoni tad-Direttiva.

46 Jeħtieġ għalhekk, li r-risposta lill-qorti nazzjonali tkun fis-sens li Stat Membru huwa obbligat jagħti kumpens għad-danni kkawżati lill-individwi min-nuqqas ta' traspożizzjoni tad-Direttiva 80/987.

**Dwar it-tieni u t-tielet domandi**

47 Fid-dawl tar-risposta għall-ewwel domanda preliminari, ma hemmx bżonn li l-Qorti tiddeċiedi fuq it-tieni u t-tielet domandi.

**Dwar l-ispejjeż**

48 L-ispejjeż sostnuti mill-Gvernijiet ta' l-Italja, tar-Renju Unit, tal-Pajjiżi l-Baxxi u tal-Ġermanja, kif ukoll mill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, li ppreżentaw osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, ma jistgħux jitħallsu lura. Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti nazzjonali, hija l-qorti nazzjonali li għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

b'risposta għad-domandi li sarulha mill-Pretura di Vicenza (Kawża C-6/90) u mill-Pretura ta' Bassano del Grappa (Kawża C-9/90), rispettivament, permezz ta' digrieti tad-9 ta' Lulju u tat-30 ta' Diċembru 1989, taqta' u tiddeċiedi:

1) **Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 80/987/KEE, tal-20 ta' Ottubru 1980, dwar it-taqrib tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar il-protezzjoni ta' l-impjegati f'każ ta' l-insolvenza ta' min iħaddimhom, li jistabbilixxu d-drittijiet ta' l-impjegati, għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-persuni interessati ma jistgħux jinvokaw dawn id-drittijiet kontra l-Istat quddiem il-qrati nazzjonali fin-nuqqas ta' miżuri ta' implementazzjoni adottati fit-terminu previst.**

2) **Stat Membru huwa obbligat jagħti kumpens għad-danni kkawżati lill-individwi min-nuqqas ta' traspożizzjoni tad-Direttiva 80/987/KEE.**

| | | |
|---|---|---|
| Due | Slynn | Joliet |
| Schockweiler | Grévisse | Kapteyn |

| | | |
|---|---|---|
| Mancini | Moitinho de Almeida | Rodríguez Iglesias |
| Díez de Velasco | | Zuleeg |

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fid-19 ta' Novembru 1991.

| | |
|---|---|
| J.-G. Giraud | O. Due |
| Reġistratur | President |